# L-IKONA TAL-LUNZJATA U L-ISTORJA TAL-"ANGELUS"

*Kitba ta' Monsinjur Karm Borg*

Fost il-knejjes tal-kampanja frekwentati mill-Għawdxin tul is-sena kollha hemm il-kappella tal-Lunzjata. Il-kelma "Lunzjata" ġejja mit-Taljan *annunziazione li* bi lsienna tfisser "tħabira". U dan minħabba l-fatt li l-Kappella hija ddedikata lill-Verġni Marija mħabbra mill-Anġlu, jew aħjar "It-Tħabira tal-Mulej lill-Verġni Marija". Dan l-episodju bibbliku li jfakkar il-mument tal-Inkarnazzjoni tal-Mulej, ikkummentat fit-tul mill-eseġeti tal-Iskrittura, diskuss mit-teoloġi fit-trattati tad-Dommatika, u mxandar b'elokwenza minn marjoloġi u oraturi nsara ta' fama mondjali, huwa wieħed mill-misteri ewlenin tar-Reliġjon Nisranija. U għalhekk wieħed jifhem għaliex spiss, fil-knejjes tagħna, insibu riflessi ta' dan il-misteru espressi f' xogħlijiet tal-arti fl-ogħla erba' aspetti tagħha, ċioè: l-arti pittorika, l-arti muzikali, l-iskultura u l-letteratura.



*Il-Kappella tal-Lunzjata*

**ARTI FIL-KAPPELLA TAL-LUNZJATA**

Jekk immorru fl-unika knisja tal-Lunzjata li għandna f'Għawdex , f'Wied il-Lunzjata li jifred lir-raħal ta' Kerċem mir-Rabat, hemm insibu li barra l-**kwadru titulari** xogħol tal-pittur Luca Garnier li ġie esegwit fis-seklu XVII u nkurunat ċ.1750; barra l-**istatwa titulari** xogħol l-artist Għawdxi Wistin Camilleri; barra l-**antifona Gabriel Angelus** li tindaqq fil-ġranet tal-festa mużika ta' Mro Carmelo Grech, insibu wkoll ir-reliġjożità popolari mgħixa fit-talb, anke f'forma poetika. Fost it-talb popolari nsemmi l-"**Kurunella f'ġieħ l-Annunzjazzjoni tal-Beata Verġni Marija**" li tmur lura ħafna snin meta r-reliġjożità popolari kienet għadha fl-aqwa tagħha. Din hija talba f'forma ta' poeżija li tingħad kuljum matul in-novena bi tħejjija għall-festa. U talba oħra li nkitbet propju biex tingħad fil-kappella tal-Lunzjata f'jum il-festa, hija s-"**Supplika favur il-Hajja lil Marija Annunzjata**" li ħarġet mill-qalb, u mbagħad mill-pinna tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech fis-sena 2010.

**TALBA POPOLARI FIL-KNISJA UNIVERSALI**

F'din il-kitba mhux ser nitkellem fuq dawn l-opri artistiċi u/jew devozzjonali marbuta strettament mal-Kappella tal-Lunzjata. Meta din is-sena qed jitfakkru s-60 SENA tal-istatwa titulari tal-Lunzjata – ikona li tfakkarna fit-tislima tal-Anġlu Gabriel lil Marija – li saret fis-Sena Marjana 1954, ħsibt li jkun tajjeb nikteb xi ħaġa fil-qosor dwar l-istorja tat-talba antikissima magħrufa bħala *l-Angelus Domini* li biha l-poplu nisrani, għal ħafna sekli u sal-ġurnata tal-lum, għadu jsellem lil Marija waqt li jikkontempla l-Misteru kbir tal-Inkarnazzjoni. Mhux biss f'ħafna familji Maltin u Għawdxin, imma mad-dinja kollha, kuljum –

*ikompli f'paġna 51* ▶



*Kwadru Titulari fil-Kappella tal-Lunzjata*

filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija – fuq il-lant tax-xogħol, fil-fabbriki, fl-uffiċini, waqt ix-xogħol fl-għelieqi, eluf ta' nsara jsellmu lill-Verġni Mbierka bit-talba tal-*Angelus* ispirata mill-episodju bibliku tat-Tħabira ta' l-Anġlu Gabriel lil Marija fid-dwejra tagħha ta' Nazżaret ftit iktar minn elfejn sena ilu. (Lq. 1-26-38)

## ĦJIEL TAL-ISTORJA

L-istorja tal-*Angelus* tmur lura ħafna fiż-żmien u riedu jgħaddu s-sekli biex illum għandna f'idejna l-istruttura sħiħa ta' din it-talba Marjana. L-ewwel ħjiel tal-*Angelus* imur lura lejn il-Medjuevu. Insibu li fis-seklu XII il-Franġiskani fil-monasteri tagħhom kienu jsellmu lil Marija b'din it-talba fil-ħin ta' filgħaxija. Kien Fra Benedittu Sinigardi (+1284), kumpann ta' San Franġisk, li beda din l-użanza fil-kunvent ta' Arezzo fis-sena 1259. Iżjed 'il quddiem, f'kapitlu tal-Franġiskani li sar f'Pisa fl-1263 kien ġie deċiż li l-patrijiet kellhom jgħallmu lin-nies jgħidu huma wkoll din it-talba meta jieqfu mix-xogħol tagħhom ma' nżul ix-xemx. Hawn ta' min jgħid li ħafna kienu jżommu li t-tislima tal-Anġlu Gabriel lil Marija seħħet ma' nżul ix-xemx.

Maż-żmien it-talba tal-*Angelus* bdiet tingħad ukoll filgħodu. Sa nofs is-seklu XV din id-drawwa tar-reċita tal-*Angelus* kienet infirxet mal-Ewropa kollha.

L-*Angelus* ta' nofsinhar daħal aktar tard fis-seklu XV. U issa għal ħafna snin, Papa wara ieħor żamm it-tradizzjoni li fil-Hdud u l-Festi, ir-Ragħaj tal-Knisja Kattolika jirreċita din it-talba mal-pelleġrini li jinġabru apposta fi Pjazza San Pietru fil-Vatikan fil-ħin ta' nofsinhar. Din l-użanza, li mal-medda tas-snin saret appuntament ta' kull nhar ta' Ħadd, turi b'xi mod il-post importanti li għandha din it-talba Marjana fost tant devozzjonijiet popolari oħra li bihom il-poplu nisrani jqim lill-Madonna.

## VALIDA GĦAL KULL ŻMIEN

Imbagħad jekk irridu xhieda għall-valur u għall-validità ta' l-*Angelus* anke għaż-żminijiet tal-lum, biżżejjed nagħmlu referenza għall-waħda mill-isbaħ dikjarazzjonijiet dwar din it-talba li għamel wieħed mill-Papiet ta' żmienna – il-Papa Pawlu VI – li fl-Eżortazzjoni Appostolika *Marialis Cultus* (numru 41), jgħid : "Din it-talba m'għandhiex bżonn ta' tigdid: il-forma hija ħafifa, in-natura tagħha hija meħuda mill-Iskrittura... il-mixja tagħha hija kważi tal-liturġija li tqaddes il-ħinijiet differenti tal-ġurnata... Dawn kollha jżommu l-valur u l-qawwa tal-Angelus bla tibdil... Ma jistax jinbidel il-valur tal-ħsieb fuq il-Misteru tal-Inkarnazjoni tal-Verb, it-tħabira lill-Verġni, u t-talba għall-għajnuna kollha ħniena tagħha. Minkejja li jinbidlu ż-żminijiet, għal ħafna bnedmin ma jinbidlux il-ħinijiet speċjali tal-jum, (filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija), li juru l-ħinijiet tal-ħidma tagħhom u jistednuhom għal waqfa ċkejkna biex jitolbu".

## SUĠĠERIMENT

Kemm tkun ħaġa sabiħa li kieku, għallinqas fil-parroċċa tagħna Ta' Kerċem, fejn mhumiex ftit id-devoti ta' Madonna, issir kampanja fil-familji kollha biex din it-talba qasira imma tant sabiħa, tkompli tingħad anke

*ikompli f'paġna 52* ▶


Statwa Titulari - Kappella tal-Lunzjata, Għawdex

fil-familji żgħażagħ li xi drabi minħabba l-għaġġla tal-ħajja moderna ftit qed isbu ħin għat-talb flimkien. Anke jekk, minħabba raġunijiet ovvji, ma tistax tingħad fit-tlett ħinijiet tas-soltu. Ma jimpurtax. Anke jekk tista' tingħad darba biss **flimkien,** matul il-ġurnata. Hemm barka għall-familja li titlob flimkien. Kemm ġid jista' joħroġ!

Din tista' tkun inizjattiva li tista' tittieħed minn xi għaqdiet Marjani li għandna fil-Parroċċa bħalma huma l-Leġjun ta' Marija u l-Grupp tat-Terzjarji Karmelitani. Żgur li din tista' tkun okkażjoni li toħloq opportunità tajba biex isir kuntatt mal-familji, l-iktar mal-familji żgħażagħ, biex jissaħħaħ wieħed mill-valuri daqshekk importanti bħalma huwa t-talb fil-familja.

GOZO
CR∃ATIONS
SIGNS & GRAPHICS
SIGNS, BANNERS, VEHICLE WRAPPING
DISPLAY STANDS, CANVAS ART, LABELS, SHIRTS
TEL. 27445708 | MOB. 99445708 | WWW.GOZOSIGNS.COM

BELLUSA
RADIATORS
9945 4105